MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 234/2009

Nextweb Limited (C26707).

Vs

Ramon Anastasi (Id. 301356M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, tmien mija u sitta u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€2856.13) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma servizzi ta’ l-internet provduti lilu fuq talba tieghu stess. Illi l-konvenut gie interpallat anki b’ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u mandat ta’ sekwestru kawtelatorju. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat kawtelatorju, u bl-imghax mid-data tal-fatturi rispettivi. Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, tmien mija u sitta u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€2856.13), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------